



Brussell, 5 ta' April 2019  
(OR. en)

8088/19  
ADD 1

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2016/0284(COD)

---

CODEC 844  
PI 63  
RECH 205  
EDUC 189  
COMPET 302  
AUDIO 59  
CULT 64  
DIGIT 72  
TELECOM 159

**NOTA PUNT "I/A"**

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur u ta' drittijiet relatati li japplikaw għal ċerti trażmissionijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u għal trażmissionijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE (**I-ewwel qari**)  
- Adozzjoni tal-att leġislattiv  
- Dikjarazzjoni

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tieħu nota li t-test adottat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-Direttiva li tistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur u ta' drittijiet relatati li japplikaw għal ċerti trażmissionijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u għal trażmissionijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE tissostitwixxi l-bażi legali miżmuma fil-proposta tagħha (l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, TFUE) mal-bażi legali kombinata tal-Artikoli 53(1) u 62 TFUE.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Artikoli 53(1) u 62 TFUE jipprevedu bażi legali speċifika, u għalhekk jiistgħu jkunu kkunsidrati 'lex specialis', għad-direttivi rigward aċċess għal attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom. Il-leġislazzjoni li teċċedi dak il-kamp ta' applikazzjoni għandha tkun ibbażata b'mod aktar korrett fuq il-bażi legali ġenerali relatata mal-kisba tas-suq intern (l-Artikolu 114 TFUE). Iż-żewġ bażijiet legali (l-Artikolu 114, u l-Artikoli 53(1) u 62 TFUE) ukoll setgħu jintużaw magħha, jekk meħtieġ.

Fi spirtu ta' kompromess u bil-ħsieb tal-adozzjoni immedjata tal-proposta mill-Unjoni, il-Kummissjoni tappoġġa t-test finali. Madankollu, hija jiddispjaċiha dwar it-tnejħiha tal-Artikolu 114 TFUE bħala l-bażi legali tad-Direttiva u tafferma mill-ġdid li forniment tat-TFUE għandu jintuża fil-leġislazzjoni futura tas-suq intern rigward kwistjonijiet oħra minbarra aċċess għal attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom.

---